Int kif tlissinha *jaqraha*?

Fil-klassi ngħallmu li kelma bħal *jaqraha* rridu llissnuha [jaqrà], mhux [jaqraħħa]. U ħafna jiskantaw kif illum mhux l-istudenti tal-Primarja u s-Sekondarja biss ilissnu [jaqraħħa], imma l-ħaddiema u l-professjonisti żgħażagħ ukoll.

L-istudju ta' Christina Sammut fuq il-firxa tal-pronunzja [jaqraħħa] ma joqgħodx fuq l-impressjonijiet imma huwa msejjes fuq stħarriġ sistematiku ma' tfal, nisa u rġiel magħżula minn lokalitajiet differenti, bi sfond edukattiv differenti u li l-età tagħhom tvarja minn 10 snin sa 95 sena.

Ir-riżultati sa issa jindikaw li, almenu f'Malta (għax Għawdex ma kienx inkluż fir-riċerka), il-varjabbli soċjali li tħoll u torbot kif illissnu *jaqraha* hija l-età. L-istħarriġ juri mhux biss li terz tal-intervistati jlissnu [jaqraħħa] imma wkoll li l-perċentwal huwa wisq ogħla jekk nieħdu ż-żgħażagħ għalihom.

Din it-taħdita għandha tinteressa lill-għalliema u lill-eżaminaturi għax, għalkemm din il-bidla fil-ħoss hija mifruxa ħafna, jidher li mhix aċċettata fl-eżamijiet orali.